221. **Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Brincat, jipproponi**:

## MOZZJONIJIET TA' PROĊEDURA DWAR L-ESTIMI ĠENERALI 1980

## U L-ESTIMI SUPPLIMENTARI APRIL/DIĊEMBRU 1979

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanent ital-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-Proċedura dwar l-Estimi Ġenerali ta' l-ispiża għas-sena finanzjarja 1980; u l-Estimi Supplimentari ta' l-ispiża għall-perijodu April/Diċembru 1979 .

Provvedimenti Ġenerali

1. Illi jekk il-Kamra tiltaqa' fil-għodu, hi għandha tiltaqa' fid-9.00 a.m., u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol għandu jkun fis-siegħa (Ref . Ordni Permanenti 8 (1) u (9);

2. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' ħamis, għandu jsir biss xogħol tal-Gvern (Ref . Ordni Permanenti 8 (2) ),

## 1. ESTIMI ĠENERALI

(A) Kumitat ta' Provvista

1. Illi meta l-Kamra tkun f'kumitat ta' Provvista, fil-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol , kuljum , iċ-Chairman iqiegħed għall-vot il-mistoqsija li dak il-ħin tkun taħt konsiderazzjoni u jkompli jqiegħed għall-vot il-mistoqsijiet fuq il-vot ta' l-Estimi wieħed wara l-ieħor, kif jidhru fuq l-aġenda għal dik il-ġurnata, mingħajr ma' titħalla diskussjoni; Iżda emendi jistgħu jkunu mressqa minn Ministru u jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni (Ref. Ordni Permanenti 71 (f)) u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emenda ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni;

2. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu qabel id-9.00 p.m. fil-ġranet tal-Kumitat ta' Provvista , ma' jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu , iżda jitteħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun ; billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab , u l-votazzjonijiet l-oħra kollha , jekk ikun hemm , jittieħdu immedjatament wara , mingħajr ma' jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra . (Ref . Ordni Permanenti 84 );

3. Illi fil-jiem imħollija għall-Kumitat ta' Prevvista, il-voti għandhom jittieħdu kif jidhru hawn taħt ;

**L-EWWEL JUM**

**PRIM MINISTRU**

Vot 1 – Uffiċċju tal-President
" 2 – Kamra tad-Deputati

“ 3 – Uffiċċju tal-Prim Ministru
“ 4 – Forzi Armati ta’ Malta
“ 5 – Avjazzjoni Ċivili
“ 6 – Statistika
“ 7 – Pulizija
“ 8 – Ħabs
“ S.37 – Korp tal-Pijunieri u Dirgħajn il-Maltin

“ VII – Żvilupp ta’ l-ajruport

**MINISTRU TA’ L-AFFARIJIET BARANIN**

Vot 9 – Affarijiet Barranin

**IT-TIENI JUM**

**MINISTRU TAL-FINANZI , DWANA U INVESTIMENTI FINANZJARJI TAL-POPLU**

Vot 10 – Finanzi
“ 11 – Teżor
“ 12 – Servizzi Mixxellani
“ 13 – Pensjonijiet
“ 14 – Dejn Pubbliku u Piżijiet fuq Bini
“ 15 – Taxxi Interni

**IT-TIENI JUM (KONT .)**

**MINISTRU TAL-FINANZI, DWANA U INVESTIMENTI FINANZJARJI TAL-POPLU (KONT.)**

Vot 16 – Dwana
“ 17 – Uffiċċju ta’ l-Uditur
“ S.38 – Servizzi u Provvisti Diversi

**MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA , ARTIJIET , DJAR U AFFARIJIET TAL-PARLAMENT**

Vot 33 – Legali
“ 34 – Servizzi Ġudizzjarji
“ 35 – Artijiet
“ 36 – Djar
“ XVII – Djar

**IT-TIELET JUM**

**MINISTRU TAX-XOGĦOL , KULTURA U GĦAJNUNA SOĊJALI**

Vot 18 – Xogħol , Kultura u Għajnuna Soċjali

“ 20 – Mużew
“ XIII – Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali

**MINISTRU TAL-KUMMERĊ , INDUSTRIJA U INDUSTRIJI**

Vot 28 – Kummerċ , Industrija u Industriji
Parastatali u tal-Poplu

**IR-RABA' JUM**

**MINISTRU TA' IŻVILUPP , ENERĠIJA , PORT U TELEKOMMUNIKAZZJONIJIET**

Vot 24 – Ministru ta' l-Iżvilupp ,
Enerġija , Port u Telekommunikazzjonijiet

“ 25 – Posta
“ 26 – Portijiet
“ I- Tiswija u Bini ta' Vapuri
“ II – Telekummunikazzjonijiet

**IR-RABA' JUM (KONT . )**

**MINISTRU TA' L-IŻVILUPP , ENERĠIJA , PORT U TELEKOMMUNIKAZZJONIJIET (KONT .)**

Vot III – Żvilupp ta' Industriji
“ XI – Żvilupp tal-Port
“ XII – Elettriku

**IL-ĦAMEES JUM**

**MINISTRU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT**

Vot 21 – Xogħlijiet Pubbliċi
“ 22 – Ilma
“ 23 – Dawl tat-Toroq
“ VIII – Ilma
“ XI –Toroq
“ X – Drenaġġ
“ XIV – Sport , Bini u Ġonna Pubbliċi

**IS-SITT JUM**

**MINISTRU TAT-TURIŻMU**

Vot 30 – Ministru tat-Turiżmu
“ VI – Turiżmu

**MINISTRU TAS-SAJD U AGRIKOLTURA**

Vot 27 – Biedja
“ IV – Biedja u Sajd
“ V – Impriża għall-bejgħ tal-Ħalib

**IS-SEBA’ JUM**

**MINISTRU TAS-SAĦĦA U TA’ L-AMBJENT**

Vot 29 – Saħħa
“ XV – Saħħa

**MINISTRU TA’ L-EDUKAZZJONI**

Vot 31 – Edukazzjoni
“ 32 – Bibblijoteki Pubbliċi
“ XVI – Edukazzjoni

(B) Riżoluzzjoni skond l-Ordni Permanenti Nru . 82 .

4. Illi d-diskussjoni fuq ir-Riżoluzzjoni skond l-Ordni Permanenti Nru . 82 ma’ għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda; u li fil-ħin ta’ l-interruzzjoni tax-xogħol titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm din id-diskussjoni ;

(Ċ) Abbozz ta’ Liġi dwar l-Approprjazzjoni

5. Illi l-Abbozz ta’ Liġi dwar l-Approprjazzjoni ta’ somma għas-servizz għas-sena finanzjarja 1980 ikun, jekk meħtieġ eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref . Ordni Permanenti Nru . 94 ) ; u jkun dikjarat urġenti u l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu f’seduta waħda (Ref . Ordni Permanenti Nru . 93); u li f’din is-seduta l-ħin ta’ l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.30 p.m.;u li l-ħin ta’ l-aġġornament ma’ jitteħidx u l-Kamra taġġorna mingħajr ma’ ssir il-mistoqsija ;

6. Illi d-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta’ l-Abbozz ta’ Liġi , fil-Kumitat , u fuq it-Tielet Qari, għandha tieqaf fid-9.30 p.m. jekk ma’ tkunx intemmet qabel ; u li f’dan il-ħin titkompla l-proċedura kollha meħtieġa biex issir mingħajr diskussjoni kull mistoqsija li jkun hemm bżonn rigward il-bqija ta’ l-istadji kollha ta’ l-Abbozz ta’ Liġi ; iżda anke jekk ikun għadda l-ħin ta’ l-interruzzjoni tax-xogħol ,

Ministru jista’ jressaq emenda u klawsoli ġodda mingħajr avviż , li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni ; u Ministru jista’ wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat , fejn il-mistoqsija fuq emendi ,Klawsoli , jew Klawsoli ġodda mingħajr avviż titqiegħed mingħajr diskussjoni ;

7. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe stadju ta’ l-Abbozz ta’ Liġi, ma’ jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu iżda jittieħdu fil-ħin ta’ l-interruzzjoni tax-xogħol ; billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab , u l-votazzjonijiet l-oħra kollha , jekk ikun hemm , jittieħdu immedjatament wara , mingħajr ma’ jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref . Ordni Permanenti Nru . 84 ) .

## 2. ESTIMI SUPPLIMENTARI

1. Illi l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Approprjazzjoni ta' somma għall-perijodu April/ Diċembru 1979 ikun , jekk meħtieġ eżentat mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (Ref . Ordni Permanenti Nru . 94) u jkun dikjarat urġenti u l-istadji tiegħu kollha jistgħu jittieħdu f'seduta waħda (Ref . Ordni Permanenti Nru . 93) ;

2. Illi l-proċedura kollha dwar dawn l-Estimi Supplimentari ma' għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda ; u li f'din is-seduta l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ikun fid-9.30 p.m. ;

u li l-ħin ta' l-aġġornament ma' jitteħidx u l-Kamra taġġorna mingħajr ma' ssir il-mistoqsija .

3. Illi d-diskussjoni :

(a) fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni ta' Estimi Supplimentari ta' Nefqa għall-perijodu April / Diċembru 1979 ; u

(b) fil-Kumitat ta' Provvista ; u

(c) fuq ir-Riżoluzzjoni li tawtorizza n-nefqa; u

(d) fuq l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni fl-istadji kollha ;

għandha tieqaf fid-9.30 p.m. , jekk ma' tkunx intemmet qabel , u li f'dan il-ħin issir , mingħajr diskusjoni , kull mistoqsija li jkun hemm bżonn dwar il-bqija tal-proċedura kollha, kif imsemmi fil-paragrafu 2 ; u kif stipulati f'dan il-paragrafu;

Iżda fil-Kumitat ta' Provvista, kif ukoll fil-Kumitat ta' l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni , anke jekk ikun għadda l-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol , Ministru jista' jressaq emendi u/jew klawsoli ġodda mingħajr avviż , li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni ; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid f'dawn il-Kumitati, fejn il-mistoqsija fuq emendi , jew klawsoli , jew klawsoli ġodda mingħajr avviż , titqiegħed mingħajr diskussjoni;

4. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fi kwalunkwe stadju tal-proċedura , kif stipulati fil-paragrafu 3 , ma' jitteħdux fil-ħin li fih jintalbu ; iżda jittieħdu fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol ; u billi l-ewwel votazzjoni tittieħed wara ħames minuti li tintalab,

u l-votazzjonijiet l-oħra kollha , jekk ikun hemm jittieħdu immedjatament wara , mingħajr ma' jgħaddu l-għoxrin minuta bejn votazzjoni u oħra (Ref . Ordni Permanenti Nru . 84 ) .

**16.11.1979**